MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1072/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**Vs**

**WALID SUWAILEH**

**Illum 20 t'Ottubru, 2010.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **WALID SUWAILEH**, ta' tnejn u tletin sena iben Ahmad u Marzouka, imwieled f'Homs, Sirja nhar il-hmistax ta' Frar, 1978, u residenti gewwa Casa Lucal, Triq Hookham Frere, Gwardamangia, Pieta', detentur tal-passaport Sirjan numru 001457776, tressaq quddiemha akkuzat talli fid-19 t'Ottubru, 2010 u fil-jiem ta' qabel gewwa l-Mosta u f'partijoet ohra f'dawn il-gzejjer, impjega

jew ta xoghol lil persuna li ma kienx persuna ezenti u li ma kellux licenzja moghtija lilu ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, bhala l-persuna responsabbli mpjega persuna li ma kienx cittadin ta’ Malta meta dan il-persuna ma kellux permess validu w ufficjali.

U talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuna li timpjega persuni ohra, full-time, part-time jew xort’ohra b’kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impjieg. (Avviz Legali 110 tas-sena 1993 [3 sa 10]).

U finalment talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie misjub hati b’sentenzi moghtiji mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti, fosthom il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja ai termini tal-Artikolu 370 (4) tal-Kodici Kriminali, stqarrija, fedina penali, fotokopja tal-passaport tal-imputat, kif ukoll dokument mahrug lilu mill-Ispecial Branch Immigration tal-pulizija.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat sommarjament kif jirrizulta mill-ezami li sarlu ai termini tal-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-ghoxrin ta’ Ottubru, 2010 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-ghoxrin t’Ottubru 2010.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni, w ghalhekk issuggerixxa li l-piena ghandha tkun fil-minimu taghha.

Ikkunsidrat:

Li in vista ta’ l-ammissjoni bikrija tal-imputat, u dak li stqarret il-Prosekuzzjoni u cioe’ li l-imputat ikkopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni, l-Qorti thoss li ghandha taghti il-piena fil-minimu taghha.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat Artikolu 32 (1) (b) tal-Kap. 217 u l-Artikoli 45 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 3 (a) u 7 ta’ l-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 tiddikjara li ssib lill-imputat WALID SUWAILEH hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u ammessi minnu stess u tikkundannah ihallas multa ta’ elf mija w hamsa w sittin Ewro (€1165) li ghandhom jithallsu fi zmien tliet xhur millum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------